MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 64/2015

**GSD Marketing Limited (c 3774) gia Falzon Wines & Spirits Limited**

**Vs**

**Sandro Bianchi (ID. 450865M) u Simone Bianchi (ID. 233365M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Jannar, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi is-socjeta' attrici qed titlob lil dana t-Tribunal sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elfejn, disa' mija, erbgha u ghoxrin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€2,924.88), rapprezentanti bejgh u kunsinna ta' xorb ghall-fond 'Sirens ASC', u dana kif jirrizulta mir-rezokont datat 22 ta' Mejju, 2013, li qieghed hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1542/13, u bl-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u lanqas ipprezentaw risposta ghat-talba mitluba kontrihom.

Deher Dr Joseph Ellis li `kkonfermat bil-gurament tieghu li l-ammont ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenuti in solidum bejnithom ihallsu l-ammont ta' elfejn, disa' mija, erbgha u ghoxrin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€2,924.88), bl-imghax legali sa mit-22 ta' Mejju, 2013, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1542/13 ikunu a karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------